MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 407/2002

**Borg Cold Stores Import & Distribution Limited**

**vs**

**A & A Zahra Zarb Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, seba' mija u sebgha u disghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2,797.61,0), ammont rapprezentanti prodotti ta' l-ikel u merkanzija ohra**

**lilha mibjugha u kkonsenjati, liema hlas baqa' ma sarx;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' April tas-sena 2002 u tal-mandati kawtelatorji Nru 1401/02 li huma pprezentati kontestwalment ma' dan l-att, u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata s-16 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha ammettiet il-kawza kif dedotta kontra taghha fl-avviz tas-socjeta' attrici li ta bidu ghal din il-procedura;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta A & A Zahra Zarb Limited biex thallas lis-socjeta' attrici Borg Cold Stores & Distribution Limited l-ammont ta' elfejn, seba' mija u sebgha u disghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu, (Lm2,797.61,0), kif dedott fl-avviz fuq indikat;**

**2. Tikkundanna wkoll lill-istess socjeta' konvenuta biex in konsegwenza tas-suespost thallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-5 ta' April tas-sena 2002; tal-mandat kawtelatorju indikat fl-istess avviz in dizamina u l-interessi kummercjali dovuti skond il-ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------